# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Ġunju, 2021**

**Numru 3**

**Rikors Numru 865/20TA**

**L-Avukat Dottor Martina Farrugia (ID 255591M) bħala prokuratur speċjali tas-soċjeta NT Bunkering AS ta' Liimi 1, 10621 Tallinn, Estonia**

**vs**

**Pal Bulk 3 Shipping Co Ltd (C-64066)
(Axeria Business Centre, 380, level 3, Canon Raod,
Santa Venera SVR 9033, Malta)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta' NT Bunkering AS tad-29 ta' Settembru 2020 kif rappresentata mill-Avukat Martina Farrugia li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

> "Illi s-soċjeta` rikorrenti NT Bunkering AS tissuplixxi prodotti ta' *marine fuel,* liema soċjeta` tat erbgħa (4) provisti ta' *bunker fuels/Lub oils* lil bastiment M/V General Shikhlinsky IMO Nru 9437775 propjeta tas-soċjeta intimata Pal Bulk 3 Shipping Co Ltd (C-64066). Kopja tat-Transcript of Registry maħruġ mir-Reġistru tal-Bastimenti Merkantili f'Malta bħala **DOK GS1**.

i. Illi dawn il-provisti jammontaw għas-somma globali ta' disgħa u ħamsin elf, u seba' mitt Dollaru Amerikan (USD 59,700) ekwivalenti għall-wieħed u ħamsin elf, tlettija u ħmistax-il Ewro u ħdax-il ċenteżmu (EUR51,315.11) skond ir-rata tas-skambju hawn anness u mmarkat **DOK GS2**. Il-fatturi relevanti flimkien mal-*Bunker Delivery Notes,* il-*Bunker Order Confirmation* u korrespondenza relattivi huma hawn annessi u mmarkati bħala **DOK GS3-GS6**.

ii. Illi skond il-fatturi annessi, kien hemm ħamsa u erbgħin (45) ġurnata żmien mill-ġurnata tal-ħruġ ta' l-istess fatturi sabiex il-fatturi jitħallsu. Illi dan iż-żmien skada u għalhekk dawn is-sommom huma dovuti.

iii. Illi skond it-termini u kundizzjonijiet tas-soċjeta` rikorrenti hawn annessi u mmarkati **DOK GS7**, hija għandha titħallas penali amministrattiva ta' ħames mitt dollaru Amerikan (500USD) fejn hemm dewmien fil-ħlas. Il-penali amministrattivi applikati għal erba' fatturi, jammontaw għas-somma ta' elfejn Dollaru Amerikan (USD2,000) u għalhekk dan l-ammont huwa ekwivalenti għal elf seba mija u għaxar Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (EUR1,719.10).

iv. Illi dan ifisser li s-somma globali ta' tlieta u ħamsin elf, erbgħa u tletin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (**EUR53,034.21**) hija dovuta lis-soċjeta' rikorrenti.

v. Kif jidher mill-fatturi annessi, s-soċjeta' rikorrenti ikkuntrattat oriġinarjament mas-soċjeta Turkija Palmali Gemicilik Ve Acentelik A.S, liema soċjeta' tifforma parti mill-Palmali Group of Companies flimkien mas-soċjeta' propjetarja tal-bastiment Pal Bulk 3 Shipping Co Ltd.

vi. Illi minħabba l-fatt li l-Palmali Group of Companies kienu f'qagħda finanzjarja ħażina, il-Chairman tal-Grupp Mansimov Mubariz Gurbanoglu ffirma ittra ta' garanzija indirizzata lis-soċjeta' rikorrenti fejn rabat il-kumpaniji kollha tal-grupp **inkluż is-soċjeta' intimata**, solidatament bejniethom, għad-djun relatati mal-provista ta' bunkers lil bastimenti ta' Palmali group.

vii. Illi għalhekk s-soċjeta intimata hija solidatament responsabbli għal ħlas ta' dan l-ammont ai termini tal-garanzija maħruġa fil-15 ta' Mejju 2019 fejn intqalet:-

'*In case of bunkers provided to a Palmali vessel is not paid by due date and also not paid during additional time given for settlement by relative notice, all companies shall be responsbile for the debot jointly and severally, further NT Bunkering shall*

*have a right to set-off all due amounts from charter-hire payable for MV Natig Aliyev, currently chartered by NT Bunkering.*'

Kopja tal-Garanzija hawn annessa u mmarkata **DOK GS8.**

viii. Illi Manzimov Mubariz Gubranoglu li ffirma l-garanzija, huwa d-direttur, ir-rappreżentant legali u r-rappreżentat ġudizzjarju waħdini tas-soċjeta' intimata skond estratt meħud mir-Reġistru tal-Kumpaniji hawn anness u mmarkat bħala **DOK GS9.**

ix. Illi s-soċjeta' rikorrenti interpellat lil Palmali Group diversi drabi sabiex iħallsu l-fatturi, iżda dawn baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

x. Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u sa fejn taf is-soċjeta' esponenti nomine, is-soċjeta' intimata m'għandha ebda eċċezzjoni valida x'tagħti in konnessjoni mat-talbiet attriċi.

**Għaldaqstant, tgħid is-soċjeta' intimata, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi u kif dispensat mis-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-**

1. **Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tas-soċjeta' rikorrenti bid-dispensa tas-smiegħ tar-rikors ai termini tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

2. **Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' tlieta u ħamsin elf, erbgħa u tletin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (EUR53,034.21) oltre l-imgħax legali mid-data indikata għall-ħlas fil-fatturi rispettivi sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni tal-intimata minn issa in subizzjoni**."

Rat li s-Soċjeta' Konvenuta Pal Bulk 3 Shipping Co Ltd (C-64066), notifikata kif trid il-liġi baqgħet ma dehritx quddiem din il-Qorti fid-9 ta' Ġunju 2021 u dan fid-dawl li dawn il-proċeduri qegħdin isiru ai termini tal-artikolu 167 et sequens tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Semgħet lil Dr. Martina Farrugia tixhed fis-seduta tad-9 ta' Ġunju, 2021;

Rat li l-Kawża tħalliet għallum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq, din il-Kawża saret bil-mezz tal-proċedura speċjali sommarja. Dan ifisser, li s-Soċjeta' konvenuta kellha tidher fis-seduta tad-9 ta' Ġunju, 2021 biex tgħid jekk għandhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti skont il-liġi biex din il-Qorti ma tiddispensax mis-smiegħ qabel ma tgħaddi għas-Sentenza. Dan ma għamlitux.

Wara li din il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' Dr. Martina Farrugia u eżaminat id-dokumenti kollha esebiti, jirrisulta b'mod ċar, li t-talbiet tas-Soċjeta' Attriċi huma fondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u jimmeritaw għalhekk li jkunu milqugħa.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa'** l-ewwel talba;

**Tilqa'** it-tieni talba u tikkundanna lis-Soċjeta' Konvenuta tħallas lis-Soċjeta' Attriċi s-somma ta' tlieta u ħamsin elf, erbgħa u tletin Ewro u wieħed u

għoxrin ċenteżmu (€53,034.21) bl-imgħaxijiet legali kif mitluba sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża għandhom ikunu ssopportati mis-Soċjeta' Konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**